# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Lulju 2023**

**Kawża Nru: 4200/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Vella)**

**vs**

**Darren Psaila (K.I. 171376M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat u ċioé:

*talli fi 19 ta' Gunju 2023 minn gewwa il-fond 'Super Audio' Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun u f'dawn il-gzejjer Maltin; -*

***1. Ikkometta serq ta' oggett li l-valur tieghu ma jaqbizx il-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (Euro 232.94), minn gewwa***

***il-fond bl-isem Super Audio ghad-detriment ta' Louis Bezzina u persuni ohra u dan bi ksur tal-artikoli 284 u 285 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.***

***2. U aktar talli qieghed jghix ħajja ta' għażż u ta' vagabundaġġ u dan bi ksur tal-artiklu 338 (w) tal-Kap 9 ta' Ligijiet ta' Malta***

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna wkoll lill-imputat għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Ġunju 2023[1], fejn l-imputat għażel li jammetti l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu.

Rat li l-istess imputat reġa ammetta l-istess imputazzjonijiet wara li ngħata żmien xieraq sabiex jerġa jikkonsulta mal-avukat difensur tiegħu[2].

Rat id-dokumenti eżebiti mill-prosekuzzjoni[3].

Semgħet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u tad-dfiża fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta.

Rat l-atti proċesswali kollha u rat li din il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

---

[1] Verbal relattiv jibda a fol 2 *et seq* tal-proċess.

[2] B'hekk ġie segwit dak li jrid l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan wieħed huwa mistieden jara dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **The Police (Insp. Jonathan Ransley) vs Jianlin Shen**, (App Nru: 44/2022) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar il-10 ta' Ġunju 2022.

[3] Dokuemnti jinsabu a fol 7 *et seq* tal-proċess.

**Ikkunsidrat**

1) **Fatti u ammissjoni**

Illi l-fatti li jemerġu mill-atti proċesswali ta' dan il-każ jirriżultaw mid-dokumentazzjoni eżebita mill-prosekuzzjoni u għalhekk ma hemm l-ebda ħtieġa ta' rijeplikou dettaljat dwar l-istess.

Illi fi ftit kliem, l-imputat huwa hawn mixli bil-fatt li fid-19 ta' Ġunju 2023 huwa kkommetta serqa minn ħanut ġewwa l-Ħamrun, fejn l-oġġett tas-serqa kien anqas minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94ċ) u wkoll talli qiegħed jgħix ħajja ta' għażż u ta' vagabundaġġ. Fil-fatt jirriżulta li l-imputat m'għandux residenza fissa u li kien hu li wettaq is-serqa in kwistjoni. Aktar minn hekk, irnexxielu jsib il-bejgħ tal-oġġett misruq *(telescope)* fi ftit minuti wara s-serqa.

Illi fl-ewwel seduta, l-imputat għażel li jammetti ż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu, liema ammissjoni reġgħet ġiet minnu kkonfermata wara li ngħata żmien utli sabiex jerġa jirrikonsidra l-pożizzjoni tiegħu. L-istqarrija tal-imputat hija wkoll ċara u ma tħalli l-ebda dubbju f'moħħ il-Qorti.

Illi fid-dawl ta' dan kollu[4], l-Qorti qiegħda ssib l-imputat ħati taż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu.

---

[4] Kemm fid-dawl tal-provi u kif ukoll tal-ammissjoni. Dwar l-effetti tal-ammissjoni fil-kamp penali, wieħed huwa mistieden jara dak awtorevolment deċiż fis-sentenza ċelebri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Cassar Desain,** mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar is-27 ta' Ottubru 1962.

## 2) Piena

Illi epurat dan kollu jifdal biss li l-Qorti tqis x'piena għandha tinfliġġi fuq l-imputat. Il-Qorti qieset sew dak li ntqal lilha waqt it-trattazzjoni finali, li kienet arġinata biss fuq dan il-punt. 7

Illi l-Qorti hija ben konsapevoli li, skond ġurisprudenza aktar riċenti, il-piena għanda sservi diversi aspetti, dak retributtiv, preventiv u riedukattiv[5].

Illi madankollu, din il-Qorti ma tistax, mingħajr ħsieb u raġuni, tinjora b'mod totali il-passat tal-imputat. Skond il-fedina penali tal-imputat, jirriżulta ben ippruvat li l-istess imputat ilu jingħata opportunitajiet sabiex jirradrizza ħajtu u ma jkunx ta' periklu aktar għas-soċjetá tagħna. Jidher li dawn l-opportunitajiet sfaxxaw fix-xejn. Il-passat kriminuż tal-imputat jibda mis-sena 1992 u sas-sena 2007 kellu ħames okkażjonijiet fejn instab ħati ta' diversi reati, b'dan li dejjem ingħata xi forma ta' piena monetarja biss.

Illi sussegwentement, fid-19 ta' Ġunju 2013, ġie applikat fil-konfront tiegħu dak li jrid l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta għal perjodu ta' tmintax il-xahar.

Illi fit-28 ta' Novembru 2013, ġie għal darba' oħra applikat fil-konfront tiegħu l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta għal perjodu ta' sentejn.

---

[5] Fost divesri wieħed huwa mistieden jara dak li ġie enunċjat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohamed Berkouk, Maalem Abderrahmane u Lazhari Zamouche,** (App Nru: 234/2019) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-22 ta' Ottubru 2019.

Illi fit-13 ta' Jannar 2014, reġa' ġie applikat fil-konfront tiegħu l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, din id-darba għal tlett snin.

Illi mbagħad fil-24 ta' Jannar 2014, issa bi skalar tal-gravitá tar-reati, l-imputat ġie misjub ħati talli kkaġuna feriti gravi, bi ksur tal-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll bi ħsara volontarja bi ksur tal-artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Għal din l-aħħar trasgressjoni, huwa ngħata piena ta' sena priġunerija, liema terminu però ġie sospiż għal-perjodu ta' sentejn.

Illi l-parametri tal-piena għall-ewwel imputazzjoni jemerġu mill-artikolu 285 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jaqra hekk:

> *285. Il-ħati ta' serq sempliċi jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn xahar sa sitt xhur:*
>
> *Iżda jekk il-valur tal-ħaġa misruqa ma jkunx iżjed minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29), l-akkużat jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur.*

Illi f'dan il-każ, ġiet provduta stima li turi li l-valur tal-oġġett misruq huwa aktar minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29ċ). B'hekk, il-*proviso* tal-artikolu 285 m'huwiex applikabbli hawnhekk.

Illi mbagħad, fir-rigward tal-imputazzjoni bbażata fuq l-artikolu 338(w) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-pieni huma dawk stabbilit fl-artikolu 7(2) tal-istess Kodiċi.

Illi fil-każ odjern però, minħabba dak li jrid l-artikolu 17(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-piena li għandha tingħata hija biss dik li tikkonċerna d-delitt (f'dan il-każ l-ewwel imputazzjoni).

Illi għal din il-Qorti, jirriżulta ċar li l-imputat ingħata diversi opportunitajiet sabiex jipprova jirranġa s-sitwazzjoni tiegħu. Huwa però bil-wisq ovvju li l-imputat ma kienx kapaċi jitgħallem u jabbraċja dak li l-Istat offrielu. Għal din il-Qorti, din l-aħħar avventura tiegħu, hija llustrazzjoni tal-fatt li l-imputat reġa' wera nuqqas ta' ħsieb u xewqa li jirriforma ruħu. F'każijiet bħal dawn, din il-Qorti tqis li l-piena għandha tkun imnissla aktar fuq l-element punittiv, milli fuq l-elementi l-oħra hawn fuq imsemmija.

Illi f'dan il-każ, għad li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu b'mod bikri, naqas però milli jħallas lura l-valur tal-oġġett minnu misruq. Anzi, mal-ewwel okkażjoni, f'temp ta' ftit żmien, irnexxilu jbiegħ l-oġġett bi gwadann għalih. B'hekk din il-Qorti lanqas tistá tqis ir-riżarċiment tad-dannu bħala mitigazzjoni tal-piena.

Illi għalhekk din il-Qorti tqis li issa, l-piena għandha tkun waħda karċerarja.

Illi magħmul dan l-eżerċizzju din il-Qorti tqis li l-piena idonja għandha tkun dik ta' erba' xhur priġunerija effettiva.

3) **Konklużjoni**

Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 284, 285 u 338(w) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u konsegwentement tikkundannah għal piena ta' erba' (4) xhur priġunerija effettiva, li minnu għandu jitnaqqas il-perjodu li l-ħati għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-proċediment.

Il-Qorti tordna wkoll, a tenur tal-artikolu 15A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex il-ħati iħallas lil Louis Bezzina (K.I. 0753062M) is-somma ta' mija u ħames Ewro u ħamsin ċenteżmu (€105.50ċ)[6]. F'dan il-każ il-Qorti m'hijiex qiegħda tapplika dak li jrid l-artikolu 15A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti, finalment, qiegħda tiċħad it-talba għal-ispejjeż tal-espert a tenur tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress li ma jirriżultax li tqabbdu xi esperti f'dan il-każ.

Il-Qorti tordna, fi kliem l-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta[7] li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol mil-lum, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

[6] Skond l-istima ippreżentata bħala IV 1, a fol 8 tal-proċess.
[7] Reż applikabbli hawn b'dak li jrid l-artikolu 370(6) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.